

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

# C 68



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 65

9 ta' Frar 2022

Werrej

#### II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 68/01 Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.10576 — BAIN CAPITAL / HELLMAN & FRIEDMAN / ATHENAHEALTH GROUP) <sup>(1)</sup> ..... 1

#### III *Atti preparatorji*

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

2022/C 68/02 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Novembru 2021 dwar proposta għal regolament biex jiġu estiżi r-rekwiżiti ta' traċċabilità għat-trasferimenti ta' kryptoassi (CON/2021/37) ..... 2

#### IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2022/C 68/03 Rata tal-kambju tal-euro — It-8 ta' Frar 2022 ..... 5

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

|              |   |    |
|--------------|---|----|
| 2022/C 68/04 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10608 – CMA CGM / CLS BUSINESS) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....                              | 6  |
| 2022/C 68/05 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10582 - GAMALIFE / GOING CONCERN OF ZURICH INVESTMENTS LIFE) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> ..... | 8  |
| 2022/C 68/06 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10595 – CERBERUS / HBCE (FRENCH RETAIL BANKING)) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....             | 10 |
| 2022/C 68/07 | Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-Każ M.10589 — ADT / FORD NEXT / SNTNL) — Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata <sup>(1)</sup> .....                             | 12 |

---

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

## II

*(Komunikazzjonijiet)*KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.10576 — BAIN CAPITAL / HELLMAN & FRIEDMAN / ATHENAHEALTH GROUP)****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 68/01)

Fit 1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tas-sit web tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Dan is-sit web jipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fis-sit web EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħib in-numru 32022M10576. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi tal-Unjoni Ewropea.

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

## III

(Atti preparatorji)

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-30 ta' Novembru 2021

dwar proposta għal regolament biex jiġu estiżi r-reqwiziti ta' traċċabilità għat-trasferimenti ta' kryptoassi

(CON/2021/37)

(2022/C 68/02)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fl-14 u l-20 ta' Ottubru 2021 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, rispettivament, għal opinjoni dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u ta' ċerti kryptoassi (riformulazzjoni) <sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea billi r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompiti bażiċi tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) biex timplimenta l-politika monetarja tal-Unjoni u biex tippromwovi t-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' pagament skont l-ewwel u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat; il-kontribut tas-SEBĊ għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja skont l-Artikolu 127(5) tat-Trattat, u l-istatus tal-karti tal-flus tal-euro bħala valuta legali skont l-Artikolu 127(1) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

Il-BĊE jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġu estiżi r-reqwiziti ta' traċċabilità għall-kryptoassi permezz tar-regolament propost, li jiffirma parti mill-pakkett Kontra l-Ħasil tal-Flus/il-Ġlieda kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu (AML/CFT) <sup>(2)</sup> adottat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Lulju 2020.

Peress li t-trasferimenti tal-kryptoassi huma soġġetti għal riskji simili ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu bħat-trasferimenti elettroniċi ta' fondi, il-fornituri ta' servizzi ta' kryptoassi jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess livell ta' reqwiziti ta' AML/CFT bħal entitajiet oħrajn marbutin b'obbligu. Il-BĊE għalhekk jilqa' r-regolament propost bħala mezz biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwivalenti għall-fornituri tas-servizzi tal-kryptoassi.

Il-BĊE jilqa' l-allinjament propost tal-qafas legali tal-UE mar-Rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF), b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 16 <sup>(3)</sup>, peress li jkompli jtaffi r-riskji tal-AML/CFT assoċjati mat-trasferimenti ta' kryptoassi, biex b'hekk jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwivalenti bejn it-trasferimenti f'muniti uffiċjali u t-trasferimenti fi kryptoassi biex jiġi evitat l-użu ħażin tal-kryptoassi għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-

<sup>(1)</sup> COM(2021) 422 final.

<sup>(2)</sup> Il-pakkett jinkludi wkoll: (a) proposta għal regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus (ML) jew ta' finanzjament tat-terroriżmu (TF) (C(2021) 420 final); (b) proposta għal direttiva dwar il-mekkaniżmi li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849 (C(2021) 423 final); u (c) proposta għal regolament li jstabbilixxi l-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u Kontra l-Finanzjament tat-Terroriżmu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) 1094/2010, (UE) 1095/2010(C(2021) 421 final).

<sup>(3)</sup> Ara r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF. Jinsabu fuq is-sit web tal-FATF fuq <https://www.fatf-gafi.org>

terroriżmu. Filwaqt li jenħtieġ li jinkisbu kundizzjonijiet ekwivalenti ftermini tal-intensità tar-rekwiżiti tal-AML/CFT applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' kryptoassi, jenħtieġ li r-rekwiżiti speċifiċi jkopru r-riskji assoċjati mal-karatteristiċi teknoloġiċi tal-kryptoassi u tat-trasferimenti tal-kryptoassi. Pereżempju, ir-rekwiżiti li jirrigwardaw it-traċċabbiltà tat-trasferimenti tal-kryptoassi jenħtieġ li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi tat-teknoloġiji sottostanti għal dawn it-trasferimenti.

Għall-finijiet ta' mitigazzjoni effettiva tar-riskji AML/CFT, ir-regolament propost jenħtieġ li jiġi ċċarat biex jiġi evitat kwalunkwe dubju li t-tranżazzjonijiet bejn kartieri ospitati u mhux ospitati huma koperti, bl-effett li eżattament l-istess informazzjoni bħal dik għal trasferimenti ta' kryptoassi oħra trid tinġabar u tinħażen. Barra minn hekk, l-iżviluppi tas-suq u l-attivitàjiet ta' ħasil tal-flus li jinvolvu l-kryptoassi mingħajr l-użu ta' fornituri tas-servizzi jew fi skambji deċentralizzati bejn il-pari jenħtieġ li jiġu mmonitorjati mill-qrib ukoll mill-Kummissjoni u mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, u jenħtieġ li jiġu proposti miżuri leġiżlattivi ulterjuri, fejn xieraq, jekk jiġu osservati żieda sinifikanti fil-volumi tat-tranżazzjonijiet u żieda fl-użu ta' tali assi għal attivitàjiet illeċiti f'dan is-segment.

Fl-aħħar nett, minħabba l-pass mgħaġġel tal-iżviluppi teknoloġiċi fil-qasam tal-kryptoassi, huwa importanti li l-implimentazzjoni tal-qafas tiġi mmonitorjata mill-qrib f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti u, fejn xieraq, mas-settur privat.

## 1. Definizzjoni ta' kryptoassi u l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost

1.1 Ir-Regolament propost se juża d-definizzjoni ta' "kryptoassi" stabbilita fil-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Swieq fil-Kryptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 <sup>(4)</sup> (minn hawn 'il quddiem ir-"regolament MiCA propost"). Kif diġà ġie nnotat mill-BĊE <sup>(5)</sup>, ir-regolament MiCA propost fih definizzjoni tal-kryptoassi wiesgħa u speċifika għat-teknoloġija. Il-BĊE jifhem li din hija maħsuba biex tkun definizzjoni wiesgħa u komprensiva, u li konsegwentement ir-regolament propost għandu l-għan li jestendi r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għall-kryptoassi kollha, irrispettivament mit-teknoloġija sottostanti (teknoloġija tar-reġistru distribwit jew teknoloġija oħra) użata għall-ħruġ tagħhom.

1.2 Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost, il-BĊE jifhem li, bħal dak tar-regolament MiCA propost, dan mhux maħsub biex ikopri l-kryptoassi maħruġa minn banek ċentrali meta jaġixxu fil-kapaċità tagħhom ta' awtorità monetarja. Madankollu, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabieq il-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament propost jiġi allinjat bis-sħiħ ma' dak tar-regolament MiCA propost, il-BĊE jipproponi li dan jiġi indikat b'mod espliċitu fil-premessi u d-dispożizzjonijiet tar-regolament propost.

## 2. Referenza għall-muniti uffiċjali

Ir-regolament propost fih referenzi għat-terminu "muniti ta' kors legali" <sup>(6)</sup>. Skont it-Trattati u l-liġi monetarja tal-Unjoni, l-euro hija l-munita unika taż-żona tal-euro, jiġifieri, ta' dawk l-Istati Membri li adottaw l-euro bħala l-munita tagħhom. Fir-rigward tal-Istati Membri li ma adottawx l-euro bħala l-munita tagħhom, it-Trattati jirreferu b'mod konsistenti għall-muniti ta' dawk l-Istati Membri. It-Trattati mkien ma jirreferu għall-euro jew għall-muniti tal-Istati Membri bħala muniti "ta' kors legali". F'dan l-isfond, mhuwiex xieraq li ssir referenza f'test legali tal-Unjoni għal "muniti ta' kors legali". Minflok, ir-regolament propost għandu jirreferi għal "muniti uffiċjali" <sup>(7)</sup>.

## 3. Data tal-applikazzjoni tar-regolament propost

L-allinjament tad-data tal-applikazzjoni tar-regolament propost ma' dik tar-regolament MiCA propost jkun ta' għajjnuna minn perspettiva ta' stabbiltà sistemika u finanzjarja sabieq jiġi żgurat li r-regolament propost japplika għat-trasferimenti ta' kryptoassi mill-aktar fis possibbli, minflok ma nistennew id-dħul fis-seħħ tal-bqija tal-pakkett tal-AML. Kif innotat mill-Kummissjoni, sa issa, it-trasferimenti ta' assi virtwali baqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-

<sup>(4)</sup> COM/2020/593 final.

<sup>(5)</sup> Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 12 tal-Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Frar 2021 dwar proposta għal regolament dwar is-Swieq fil-Kryptoassi, u li jemenda d-Direttiva (UE) 2019/1937 (ĠU C 152, 29.4.2021, p. 1). L-opinjoni kollha tal-BĊE huma disponibbli fuq EUR-Lex.

<sup>(6)</sup> Ara l-premessi 8 u 27 tar-regolament propost.

<sup>(7)</sup> Ara l-paragrafu 2.1.5 tal-Opinjoni CON/2021/4 u l-paragrafu 1.1.3 tal-Opinjoni CON/2016/49 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Ottubru 2016 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda d-Direttiva 2009/101/KE (ĠU C 459, 9.12.2016, p. 3).

leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji, li jesponi lid-detenturi ta' kryptoassi għal riskji ta' ħasil tal-flus u ta' finanzjament tat-terroriżmu, peress li l-flussi ta' flus illeċiti jistgħu jsiru permezz ta' trasferimenti ta' kryptoassi u jagħmlu ħsara lill-integrità, l-istabbiltà u r-reputazzjoni tas-settur finanzjarju <sup>(8)</sup>. Għadd ta' Stati Membri diġà llegejżlaw dwar dan il-punt <sup>(9)</sup>.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-regolament propost jiġi emendat, il-proposti ta' abbozzar speċifiċi huma stabbiliti f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test ta' spjegazzjoni f'dan is-sens. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-30 ta' Novembru 2021.

*Il-President tal-BĊE*  
Christine LAGARDE

---

<sup>(8)</sup> Ara t-tmien paragrafu tal-ewwel punt tat-Taqsima 1 tal-memorandum ta' spjegazzjoni għar-regolament propost.

<sup>(9)</sup> Pereżempju, fl-1 ta' Ottubru 2021, daħliet fis-seħħ ordinanza tal-Ministeru tal-Finanzi Ġermaniż dwar rekwiżiti ta' diliġenza dovuta msaħħa għat-trasferiment ta' crypto-assets (*Verordnung über verstärkte Sorgfaltspflichten bei dem Transfer von Kryptowerten vom 24. Settembru 2021 (BGBl. I S. 4465)*). Skont l-Ordinanza, il-fornituri ta' servizzi ta' kryptoassi li jittrasferixxu kryptoassi fisem min jieħu l-ordni jridu jittrażmettu simultanament u b'mod sigur lill-fornitur tas-servizzi tal-kryptoassi li jaġixxi fisem il-benefiċjarju l-isem, l-indirizz u n-numru tal-kont (eż. ħavetta pubblika) ta' min jagħti l-ordni, u l-isem u n-numru tal-kont (eż. ħavetta pubblika) tal-benefiċjarju. Il-fornitur ta' servizzi ta' kryptoassi li jaġixxi fisem il-benefiċjarju jrid jiżgura li jirċievi u jaħżen informazzjoni dwar l-oriġinatur u l-benefiċjarju. It-traċċabbiltà sħiħa tal-partijiet involuti fi trasferiment ta' kryptoassi hija maħsuba bħala għodda fil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, kif ukoll il-monitoraġġ tal-evazzjoni tas-sanzjonijiet. L-Ordinanza tirrikjedi wkoll li l-entitajiet marbutin b'obbligu jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarju jew l-oriġinatur ta' trasferiment tinġabar meta t-trasferiment isir minn jew lejn kartiera elettronika li ma tkunx ġestita minn fornitur ta' servizzi ta' kryptoassi, anki jekk ma jkun hemm l-ebda riskju ta' trasferiment tad-*data*.

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

It-8 ta' Frar 2022

(2022/C 68/03)

1 euro =

| Munita | Rata tal-kambju    | Munita  | Rata tal-kambju |                           |           |
|--------|--------------------|---------|-----------------|---------------------------|-----------|
| USD    | Dollaru Amerikan   | 1,1408  | CAD             | Dollaru Kanadiż           | 1,4505    |
| JPY    | Yen Ġappuniż       | 131,68  | HKD             | Dollaru ta' Hong Kong     | 8,8923    |
| DKK    | Krona Daniża       | 7,4437  | NZD             | Dollaru tan-New Zealand   | 1,7196    |
| GBP    | Lira Sterlina      | 0,84363 | SGD             | Dollaru tas-Singapor      | 1,5349    |
| SEK    | Krona Żvediża      | 10,4433 | KRW             | Won tal-Korea t'Isfel     | 1 367,88  |
| CHF    | Frank Żvizzeru     | 1,0545  | ZAR             | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 17,6380   |
| ISK    | Krona İzlandiża    | 142,40  | CNY             | Yuan ren-min-bi Ċiniż     | 7,2636    |
| NOK    | Krona Norveġiża    | 10,0758 | HRK             | Kuna Kroata               | 7,5215    |
| BGN    | Lev Bulgaru        | 1,9558  | IDR             | Rupiah Indoneżjan         | 16 418,40 |
| CZK    | Krona Ċeka         | 24,259  | MYR             | Ringgit Malażjan          | 4,7740    |
| HUF    | Forint Ungeriż     | 353,09  | PHP             | Peso Filippin             | 58,715    |
| PLN    | Zloty Pollakk      | 4,5312  | RUB             | Rouble Russu              | 85,7797   |
| RON    | Leu Rumun          | 4,9450  | THB             | Baht Tajlandiż            | 37,606    |
| TRY    | Lira Turka         | 15,5558 | BRL             | Real Brażiljan            | 6,0209    |
| AUD    | Dollaru Awstraljan | 1,6025  | MXN             | Peso Messikan             | 23,5601   |
|        |                    |         | INR             | Rupi Indjan               | 85,2545   |

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

**PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.10608 – CMA CGM / CLS BUSINESS)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 68/04)

1. Fl-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- CMA CGM S.A. ("CMA CGM", Franza),
- CLS Business, ikkontrollat minn Ingram Micro Inc. ("Ingram", l-Istati Uniti tal-Amerka).

CMA CGM S.A. takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' CLS Business kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- CMA CGM toffri firxa ta' servizzi relatati mat-trasport bil-baħar, inkluż it-trasport bil-baħar tal-containers u s-servizzi tat-terminal tal-port. CMA CGM hija attiva wkoll fis-servizzi ta' spedizzjoni tal-merkanzija u ta' loġistika kuntrattwali permezz tas-sussidjarja tagħha, CEVA Logistics,
- CLS Business jinkludi n-negozju tal-loġistika kuntrattwali ta' Ingram, li bħalissa mħaddem mid-Diviżjoni ta' Ingram għas-Servizzi tal-Kummerċ u taċ-Ċiklu tal-Ħajja. CLS Business joffri firxa ta' servizzi fil-loġistika kuntrattwali prinċipalment fl-Amerka ta' Fuq u fl-Ewropa, b'mod partikolari l-loġistika ta' spedizzjoni u l-loġistika inversa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, jinħtieġ li jiġi nmutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.



Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinhdieg li r-referenza li għejja dejjem tiġi speċifikata:

Il-Każ M.10608 – CMA CGM / CLS BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10582 - GAMALIFE / GOING CONCERN OF ZURICH INVESTMENTS LIFE)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 68/05)

1. Fl-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- GamaLife - Companhia de Seguros de Vida, S.A. ("GamaLife", il-Portugall),
- Unità tan-negozju ta' Zurich Investments Life S.p.A. (il-"Kumpanija fil-Mira", l-Italja).

Gamalife takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-Kumpanija fil-Mira kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Gamalife hija impriża tal-assikurazzjoni tal-ħajja, attiva primarjament fil-Portugall, proprjetà kollha kemm hi ta' fondi ta' investiment mogħtija minn Apax Partners LLP ("AP", ir-Renju Unit).
- Il-Kumpanija fil-Mira hija portafoll prinċipalment magħluq ta' kuntratti tal-assikurazzjoni tal-ħajja, flimkien mal-assi, l-operazzjonijiet, il-kuntratti, l-impjegati, id-drittijiet, l-obbligazzjonijiet u l-obbligi rilevanti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10582 - GAMALIFE / GOING CONCERN OF ZURICH INVESTMENTS LIFE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10595 – CERBERUS / HBCE (FRENCH RETAIL BANKING))**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 68/06)

1. Fil-31 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Cerberus Capital Management L.P. ("Cerberus", l-Istati Uniti tal-Amerka), u
- In-negozju bankarju Franżiż għall-konsumaturi ta' HSBC Continental Europe ("HBCE's French Retail Banking Business", Franza), parti minn HSBC Group ikkontrollat minn HSBC Holdings plc.

Cerberus takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' HBCE's French Retail Banking Business kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Cerberus hija kumpanija ta' investment fit-tul f'kull tip ta' titoli u assi, inklużi iżda mhux limitati għal, kreditu komplementari, ekwità privata, pjattaformi ta' proprjetà immobbli u self tas-suq medju.
- HBCE's French Retail Banking Business joffri lill-klijenti tiegħu: servizzi bankarji u finanzjarji ta' kuljum; soluzzjonijiet għall-ħtiġijiet ta' finanzjament tagħhom fuq terminu qasir u twil; soluzzjonijiet tal-assikurazzjoni u pariri finanzjarji, tal-assikurazzjoni u tal-investment u servizzi ta' ġestjoni tal-assi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtuhom l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10595 – CERBERUS / HBCE (FRENCH RETAIL BANKING)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

---

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Il-Każ M.10589 — ADT / FORD NEXT / SNTNL)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2022/C 68/07)

1. Fit-2 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup>.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- ADT LLC ("ADT", l-Istati Uniti tal-Amerka), finalment ikkontrollata minn Apollo Group (l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Ford Next LLC ("Ford Next", l-Istati Uniti tal-Amerka), li tappartjeni għal Ford Group (l-Istati Uniti tal-Amerka),
- SNTNL LLC ("SNTNL", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata minn Ford Next.

ADT u Ford Next jakkwistaw, fis-sen tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' SNTNL.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' titoli f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- ADT tipprovdi sigurtà, awtomatizzazzjoni, soluzzjonijiet ta' djar intelliġenti u toffri servizzi ta' monitoraġġ professjonali 24/7.
- Ford Next iżżomm l-operazzjonijiet tan-negozju tal-vetturi awtonomi ta' Ford Group, inklużi l-integrazzjoni tas-sistemi ta' sewqan awtonomu, ir-riċerka awtonoma tal-vetturi u l-ingerija avvanzata, l-iżvilupp tan-network tat-trasport bħala servizz tal-AV, l-esperjenza tal-utent, l-istrateġija tan-negozju u t-timijiet tal-iżvilupp tan-negozju.
- SNTNL għandha l-intenzjoni li tiżviluppa, timmanifattura u tbiġh sistemi ta' sigurtà tal-vetturi konnessi u intelliġenti u servizzi relatati bħall-monitoraġġ minn terzi persuni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10589 — ADT / FORD NEXT / SNTNL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles / Brussel  
BELGIQUE / BELGIË

---





ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)